

Brussell, 29 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0143 (COD)

10654/17
ADD 2

EF 138
ECOFIN 580
SURE 23
SOC 506
IA 124

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ġunju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 244 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposal għal REGOLAMENTO TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) u RAKKOMANDAZZJONI TAL- KUMMISSJONI dwar it-trattament tat-taxxa ta' prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 244 final.

Mehmuż: SWD(2017) 244 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2017
SWD(2017) 244 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposal għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP)

u

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**dwar it-trattament tat-taxxa ta' prodotti tal-pensjoni personali, inkluż il-prodott tal-
Pensjoni Personali Pan-Ewropew**

{COM(2017) 343 final}
{SWD(2017) 243 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għalfejn? X'inhil-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
Il-pensjonijiet personali huma ddefiniti bħala <i>“prodotti finanzjarji tal-irtirar ikkuntrattati fuq bażi volontarja ma’ entità mhux Statali. Għandhom objettiv tal-irtirar espliċitu, li jipprevedi akkumulu kapitali sal-irtirar u jservi bħala dħul komplementari fuq l-irtirar”</i>. Dawn huma komplementari għall-pensjonijiet pubbliċi u l-pensjonijiet okkupazzjonali. Fil-Pjan ta’ Azzjoni tagħha dwar il-Bini ta’ Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)¹, il-Kummissjoni osservat li ma jeżisti l-ebda suq uniku effettiv għal pensjonijiet personali tat-“tielet pilastru”. Taħlita ta’ regoli fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali xxekkel l-iżvilupp sħiħ ta’ suq kbir u kompetittiv għall-pensjonijiet personali. Il-frammentazzjoni tas-suq tipprevjeni lill-fornituri tal-pensjonijiet personali milli jimmassimizzaw l-ekonomiji ta’ skala, id-diversifikazzjoni tar-riskji u l-innovazzjoni, u b’hekk tnaqqas l-għażla u żżid il-kost għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni. Barra minn hekk, prodotti tal-pensjoni personali f’ċerti każijiet juru karatteristiċi insuffiċjenti tal-prodott. Hawn minn dawk li wiegħbu fil-konsultazzjoni pubblika jaraw il-forniment tal-prodotti tal-pensjoni personali attwalment disponibbli u mibjugħa fl-UE bħala mhux adegwati. Dan huwa appoġġjat mit-tabella ta’ valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2015 dwar is-swieq tal-investituri fil-livell tal-konsumatur, li juri li l-prodotti tal-pensjoni personali huma fost it-tliet prodotti bl-inqas klassifikazzjoni tas-soddisfazzjon mill-investituri fil-livell tal-konsumatur. Fl-aħħar nett, il-bejgħ u l-portabbiltà transfruntiera tal-pensjonijiet personali eżistenti huma limitati hawn. Id-dħul sostitut insuffiċjenti fl-irtirar u n-nuqqas ta’ investment fis-swieq tal-kapital tal-UE jistgħu jittaffew b’aktar żvilupp fil-prodotti tal-pensjoni personali fil-livell tal-UE.
X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?
L-objettiv ġenerali huwa li jinħoloq suq uniku għall-pensjonijiet personali u jingħata kontribut għat-tlestija tas-CMU. L-objettiv ewlieni għandu tliet objettivi speċifiċi: 1) Jiżdied l-investment fl-UE u jingħata kontribut għat-tlestija tas-CMU – Fuq perjodu twil ta’ żmien, il-ħolqien ta’ ġabra ikbar ta’ tfaddil tal-pensjonijiet li jindirizzaw finanzjament addizzjonali għall-investimenti produttivi fuq terminu twil. 2) Jittejbu l-karatteristiċi tal-prodotti tal-pensjoni personali – li jippermetti l-ħolqien ta’ prodotti tal-pensjoni personali pan-Ewropej trasparenti. 3) Jittejjeb il-forniment u l-portabbiltà transfruntiera ta’ prodotti tal-pensjoni personali – li jippermetti li l-fornituri jżidu l-ekonomiji ta’ skala u jtejbu l-effiċjenza u l-innovazzjoni, kif ukoll itejbu l-oportunitajiet biex l-investituri fil-livell tal-konsumatur jieħdu l-pensjoni personali magħhom meta jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor.
X'inhil-valur miżjud ta’ azzjoni fil-livell tal-UE?
L-isforzi mhux koordinati tal-Istati Membri ma jistgħux jirrimedjaw it-taħlit attwali ta’ regolamenti nazzjonali tal-prodotti tal-pensjoni personali. L-azzjoni fil-livell tal-UE żżid sostanzjalment il-valur u tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq u tgħin lill-fornituri joperaw b’mod transfruntier billi jippermettilhom jiċċentralizzaw ċerti funzjonijiet fil-livell tal-UE. Għall-individwi, ir-rekwiżiti minimi tal-prodott stabbiliti fir-regoli tal-UE joħolqu trasparenza u sempliċità kif ukoll sigurtà għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, u b’hekk jibbenefikaw il-ħaddiema impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom, kemm dawk mobbli kif ukoll dawk li mhumiex. L-azzjoni tal-UE biss tista’ ttejjeb il-

¹ COM(2015) 468 final.

portabbiltà u tindirizza l-ħtiġijiet tal-għadd li qed jiżdied ta' ħaddiema mobbli.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

Il-valutazzjoni tal-impatt tanalizza dawn it-tliet opzjonijiet:

1. Xenarju bażi, fejn ma tittieħed l-ebda azzjoni ta' politika tal-UE.
2. Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropej (PEPP), fejn jitwaqqaf statut għal PEPP tal-UE, abbażi ta' sett ta' karatteristiċi komuni u flessibbli permezz ta' reġim komplementari volontarju.
3. L-armonizzazzjoni, fejn ir-reġimi tal-pensjonijiet personali nazzjonali jiġu armonizzati.

L-opzjoni ppreferuta hija l-opzjoni 2: Fil-fatt, b'din l-opzjoni, l-istandardizzazzjoni miżjuda tal-karatteristiċi tal-prodott ewleni toħloq opportunitajiet biex il-fornituri jibnu ekonomiji ta' skala, filwaqt li tiġi ppriżervata xi flessibbiltà fil-karatteristiċi ewlenin biex il-fornituri jkunu jistgħu jibbenefikaw kemm jista' jkun mill-inċentivi fiskali nazzjonali. Fuq perjodu itwal ta' għaxar snin jew aktar u jekk jiġi supponut li l-PEPP jirċievi l-istess inċentivi fiskali bħall-prodotti nazzjonali, dan jirriżulta f'żieda fit-teħid ta' pensjonijiet personali, ta' investimenti mill-fornituri fil-kuntest tas-CMU, u fil-faċilitazzjoni tal-iżvilupp transfruntier. Il-konsumaturi jibbenefikaw minn għażla akbar u protezzjoni adegwata meta jfaddlu għall-irtirar. Dan l-istatut ikun kosteffikaċi u politikament fattibbli billi ma jirrikjedix li l-prodotti personali eżistenti jadattaw irwieñhom għal ambjent regolatorju u ma jaffettwawx reġimi eżistenti.

Min jappoġġa liema opzjoni?

Il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jappoġġjaw il-ħolqien ta' prodott tal-pensjoni personali sempliċi u trasparenti (l-opzjoni 2). Il-fornituri (l-assiguraturi, il-fondi ta' pensjoni, il-manigġers tal-assi) urew l-aktar appoġġ għall-opzjoni 2 fid-dawl tal-potenzjal tagħha li tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq. Il-parir tekniku tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) huwa wkoll favur il-ħolqien ta' PEPP. Il-fornituri jqisu l-armonizzazzjoni tar-reġimi nazzjonali bħala l-inqas effettiv. F'konsultazzjoni pubblika, l-Istati Membri wkoll opponew bis-saħħa l-armonizzazzjoni tar-reġimi nazzjonali (l-opzjoni 3).

C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Skont l-opzjoni ppreferuta, il-fornituri (inklużi l-assiguraturi, il-fondi tal-assi, id-ditti tal-investment, il-banek u l-manigġers tal-assi), awtorizzati skont ir-reġimi settorjali tal-UE, ikunu kapaċi jfasslu l-Prodotti tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropej (PEPP) abbażi ta' sett ta' karatteristiċi komuni. Għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-PEPP jipprovdi għażla addizzjonali għal tfaddil tal-irtirar komplementari. Il-ħaddiema mobbli jibbenefikaw minn profitabbiltà mtejbja. Fi studju li sar, ġie stmat li s-suq tal-prodotti tal-pensjoni personali huwa mistenni jiżviluppa mil-livell attwali - li huwa stmat għal madwar EUR 0,7 triljun - għal EUR 1,4 triljun (li jikkorrispondi għax-xenarju bażi) jew EUR 2,1 triljun (bl-ammont addizzjonali mill-PEPP fuq l-ipoteżi tal-vantaġġi fiskali għall-PEPP). Il-PEPP ikun imbagħad jammonta għal madwar nofs iż-żieda potenzjali tas-suq totali, in-nofs l-ieħor ikun ġej minn dinamiki tat-tkabbir li jinvolvu l-prodotti nazzjonali mibjugħa attwalment. Iż-żieda fit-teħid, fuq terminu itwal, tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġettiv tas-CMU.

Din l-inizjattiva jkollha impatt soċjali pożittiv, billi żieda fit-teħid tal-pensjonijiet personali ttejjeb l-għadd tan-nies bi dħul adegwat fl-irtirar. B'mod partikulari, tipprovdi mezz ġdid biex il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u dawk mobbli jfaddlu għall-irtirar.

X'inhuma l-kostijiet tal-opzjoni preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Billi l-opzjoni ppreferuta hija reġim komplementari parallela mar-regoli nazzjonali, ma hu mistenni l-ebda impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali.

Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-inizjattiva hija mistennija li tespandi l-firxa tal-fornituri: minn predominanza ta' assicuraturi jiġu inklużi wkoll

manigġers tal-assi u fondi ta' pensjonijiet speċjalizzati. Billi fornituri b'hal ma huma l-manigġers tal-assi ta' spiss ikunu SMEs, jista' jkun hemm impatt pożittiv fuqhom għax jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju.

Barra minn hekk, din l-inizjattiva jista' jkollha effetti pożittivi fuq l-SMEs billi jiġi sfruttat it-tfaddil privat addizzjonali u jiġu allokati fondi lejn l-ekonomija u jinħolqu sorsi addizzjonali ta' finanzjament li jibbenefikaw minnhom l-SMEs. Din l-inizjattiva tgħin lill-persuni li jaħdmu għal rashom biex jiżdiedu l-opzjonijiet tagħhom li ifaddlu għall-irtirar.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-PEPP tkun kategorija ġdida ta' prodotti pprovduta minn firxa wiesgħa ta' fornituri li huma soġġetti għal sorveljanza regolatorja mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont oqfsa regolatorji eżistenti. Il-monitoraġġ ta' distribuzzjoni transfruntiera tal-PEPP tista' toħloq xi kompiti addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-awtorizzazzjoni tal-PEPPs individwali tkun attribwita lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), u dan jirrikjedi riorsi addizzjonali. Skont l-arranġamenti attwali ta' kofinanzjament, il-finanzjament jiġi inkluż fil-baġit tal-UE u, għaldaqstant, ma jmurx lil hinn minn dak li huwa previst fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali li jibqa' għaddej sal-2020. Barra minn hekk, id-deċiżjoni jekk jingħatawx inċentivi fiskali favorevoli lill-PEPP tibqa' fil-livell nazzjonali u kull impatt jiddependi fuq it-teħid fil-livell nazzjonali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ma huwa mistenni l-ebda impatt ieħor sinifikanti.

D. Segwitu

Meta se tiġi riveduta l-politika?

Jenħtieġ li l-istatut propost jinkludi reviżjoni wara tliet snin ta' applikazzjoni. Jenħtieġ li r-reviżjoni tivvaluta t-teħid ta' prodotti tal-pensjoni personali, il-kontribuzzjoni lis-CMU, iż-żieda fil-provvista transfruntiera u l-portabbiltà għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.